**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 23 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 301/2024 JPG**

**Kawza nru.: 6**

**JA**

**U**

**TA**

**-vs-**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 13 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti żżewġu nhar is-tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (02/09/2017) ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad Dingli, iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***DokJA1****.*

2. *Illi miz-zwieġ tagħhom twieled tifel bl-isem ta' LA, li twieled f'X.*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mill-bidu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u fejn sussegwentament ressqu għal kuntratt ta' separazzjoni datat id-dsatax ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (19/09/2023) fl-*

*Atti tan-Nutar Dr. Krystle Frendo Galea, kopja tal-istess kuntratt anness u mmarkat bħala* **DokJA2.**

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-ġurnata il-partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi l-kontendenti u skont klawsola numru erbgħa (4) tal-kuntratt fuq ċitat, iddekadu mid-dritt illi jirċievu manteniment mingħand xulxin.*

6. *Illi fir-rigward il-manteniment tal-minuri LA, ir-rikorrenti TA qiegħed iħallas lir-rikorrenti JA is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar u fil-prezent m'hemmx arretrati dovuti.*

7. *Illi r-rikorrenti JA ser ukoll titlob lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha tirriverti ghal kunjomha xebba u ċioe 'M'.*

8. *Illi dawn il- fatti fuq imsemmija jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal- 2021.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l- esponenti umilment jitolbu lil din l- Onorabbli Qorti sabiex:*

1. **Tiddikjara** *illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelebrat nhar it-tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (02/09/2017) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

2. **Tordna** *lir- Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill- istess Qorti jinnotifika lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku bis-sentenza tagħha, kif ukoll li jagħmel dawk l-annotazzjonijiet neċċessarji fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti (***Dok.JA1***).*

3. **Tawtorizza** *lir-rikorrenti JA tirriverti lura għal kunjomha xebba u ċioe 'M'.*

*U dan taħt dawk il- provvediment li din il-Qorti tidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JA xehdet (vide affidavit fol 17**) illi il-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Settembru 2017 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Krystle Frendo Galea datat 19 ta' Settembru 2023 izda ilhom jghix separatament sa minn Jannar 2023. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**TA xehed (vide affidavit fol 18)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' JA.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment***

***adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Settembru 2017 liema zwieg jgib certifikat numru 2736/2017 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Krystle Frendo Galea nhar id-19 ta' Settembru 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Di piu' jirrizulta illi ilhom jghixu separatament sa minn Jannar 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2736/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici JA tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'M' u tissollecita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**